MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 710/2003

**Victor Ross**

**vs**

**Emanuel Schembri f'ismu proprju kif ukoll ghan nom u in rappresentanza ta' Dereco Stores Limited (C-15517); HSBC Bank Malta plc u Lombard Bank Malta plc**

Il-Qorti

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Emanuel Schembri propio et nomine ppremetta:

1. Illi permezz ta' Mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi, l-esponenti gie inibit milli jaghmel kwalunkwe att in rappresentanza tas-socjeta` Dereco Stores Limited

minghajr awtorizzazzjoni u firma relattiva tar-rikorrenti Victor Ross, filwat illi s-socjetatijiet HSBC Bank Malta p.l.c. u Lombard Bank Malta p.l.c., gia intimati, gew inibiti milli jirrkonoxxu u/jew jaghtu effett lil kwlaunkwe transazzjoni jew dokument, inkluzi cekkijiet, tas-socjeta` Dereco Stores Limited (C-15517) li ma jkunux iffirmati minn Victor Ross;

2. Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni de quo nhareg fuq allegazzjoni tar-rikorrenti Victor Ross, illi permezz ta' l-Artikoli 2 – 10 tal-ftehim Dok. DS1, gie allegatament miftiehem bejn il-partijiet fis-sens illi l-istess rikorrenti Victor Ross kellu jibqa' direttur u firmatarju tas-socejta` msemmija sakemm ir-rrekwiziti tal-klawsola 2 jigu sodisfatti entro t-terminu massimu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' l-imsemmi ftehim;

3. Illi l-esponenti pro et noe permezz tar-rikors odjern, qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-segwenti ragunijiet li jistghu jirrizultaw ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern;

4. Illi l-fatti illi wasslu ghas-sitwazzjoni odjerna bejn il-partijiet huma s-segwenti:

- Illi l-iskrittura privata datata 1 ta' ottubru 2001, li r-rikorrenti Victor Ross jaghmel referenza ghaliha fit-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat ta' inibizzjoni de quo, li kopja formali taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. DS1, tikkonsisti effettivament, f'share transfer agreement li, in forza taghha, ir-rikorrenti Victor Ross biegh l-ishma kollha tieghu f'diversi socjetajiet, fosthom anke s-socjeta` esponenti Dereco Stores Limited, lill-epsonenti bil-prezz ta' Lm1 u dan taht il-pattijiet u kondizzjonijiet ohra elenkati fl-istess Dok. DS1;

- Illi jigi rilevat illi matul l-andament tan-negozjati fit-tul li waslu ghall-iffirmar u l-ezekuzzjoni tal-ftehim Dok. DS1, ir-rikorrenti Victor Ross kien debitament patrocinat mill-

Avukat Dottor Stefano Filletti (li, effettivament, iffirma l-istess ftehim bhala xhud tal-firma u ta' l-identita`);

- Illi, in forza tal-ftehim Dok. DS1, il-bejgh ta' l-ishma fis-socjeta` Dereco Stores Limited, gie kkuntrattat u konkluz bejn il-partijiet skond il-ligi u l-Form T relattiva (dok. DS2) giet debitament registrata mal-Malta Financial Services Authority (MFSA) fit-8 ta' Novembru 2001;

- Illi, konsegwentement, l-esponenti Emanuel Schembri pro sar l-uniku azzjonista tas-socjeta` Dereco Stores Limited u, f'dan ir-rigward, qed tigi hawn annessa u esebita kopja tal-Memorandum and Articles of Association ta' l-istess socjeta`, immarkata bhala Dok. DS3;

- Illi in forza ta' l-iskrittura privata de quo (Dok. DS1) ir-rikorrenti Victor Ross, qua venditur fuq l-istess skrittura, ikkostitwixxa ruhhu veru, cert u likwidu debitur favur l-esponenti ghas-somma ta' hamsa u tletin elf, sitt mija u sbatax-il Lira Maltin (Lm35,617.00), bl-imghaxijiet kummercjali jiddekorru bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv;

- B'danakollu, sal-lum ir-rikorrenti Victor Ross ghadu ma effettwa l-ebda pagament akkont tas-somma fuq imsemmija li, ghalhekk, ghadha dovuta fl-intier taghha\;

- Illi fis-16 ta' Mejju, 2003, l-esponenti noe intavola proceduri gudizzjarji ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jirrendi ezekuttiv l-imsemmi Att Pubbliku fil-konfrfont tar-rikorrenti Victor Ross, u l-ittra ufficjali relattiva giet debitament notifikata lilu fil-21 ta' Mejju 2003;

- Illi jigi rilevat ukoll illi r-rikorrenti Victor Ross kien accetta illi jikkostitwixxi ruhu debitur ghas-somma in kwistjoni u, konsegwentement, illi jeffettwa l-pagament relattiv stante illi huwa kien gie kjarament identifikat bhala personalment responsabbli ghat-telf u nuqqas konsiderevoli ta' flejjes tal-kumpanija Dereco Stores Limited fiz-zmien meta t-tmexxija tas-socjeta` esponenti

kienet sostanzjalment taht il-kontroll tieghu bhala direttur ta' l-istess socjeta`, stante illi dak iz-zmien l-esponenti kien qed isiefer ta' spiss fuq xoghol il-Libya;

- Illi r-rikorrenti Victor Ross, sahansitra, ammetta dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-Rikors odjern. Illi, inoltre, ir-rikorrenti Victor Ross kien inqabad minn persuni li joqoghdu fl-inhawi ta' l-ufficji tas-socjeta` Dereco Stores Limited, japproprja ruhu indebitament minn prodotti di proprjeta` ta' l-istess socjeta`. Infatti, jirrizulta illi r-rikorrenti kien ta' spiss jidhol fl-ufficcji tas-socjeta` l-Hdud u jghabbi l-vettura personali tieghu b'diversi prodotti tas-socjeta`. Inoltre, jirrizulta wkoll li wlied l-istess rikorrenti kienu ukoll abbuzivament jixtru l-petrol ghall-uzu personali taghhom u jiffirmaw ghan-nom tas-socjeta`;

- Illi, f'dan ir-rigward, issir referenza gahx-xhieda moghtija mir-rikorrenti Victor Ross fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo u, senjatament, ghall-allegazzjoni tieghu illi s-somma ta' Lm35,617.00 fuq imsemmija, illi huwa kien accetta li jhallas skond kif jirrizulta minn Dok. DS4, kienu, effettivament, cash injection. Jigi sottomess bl-akbar rispett illi din l-allegazzjoni hija kompletament inattendibbli kif ukoll kontra-sens stante illi logikament, persuna li tkun qed tbiegh l-azzjonijiet kollha taghha f'socjeta` ma ghandha l-ebda interess illi taghmel cash injection. Tali interess jita' ikun biss ta' azzjonista tas-socjeta` in kwistjoni u ta' hadd iktar. Fil-fatt, jigi sottomess illi fi kwalunkwe kaz, azzjonista jaghzel li jbiegh is-shares tieghu proprju biex jevita li jaghmel cash injection u mhux bil-kontra;

- Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jirrizulta wkoll illi t-tmexxija tas-socjeta` Dereco Stores Limited da parti tar-rikorrenti Victor Ross kienet wahda fallimentari ghall-ahhar tant illi waqt il-perjodu illi s-socjeta` kienet taht it-tmexxija ta' l-istess rikorrenti hija soffriet telf sostanzjali u, fil-fatt il-credit control tas-socjeta` kien ineffettiv;

- Illi proprju, ghalhekk, ir-rikorrenti Victor Ross kien obbliga ruhu, in forza tal-Klawsola 3(a) ta' l-iskrittura privata Dok. DS1, illi jaghmel tajjeb sal-limitu ta' hamsin fil-mija (50%) tad-debiti dovuti lis-socjeta` illi ibqghu ma jingabrux ghal xi raguni jew ohra. Ta' min jghid illi din il-klawsola saret in vista tal-fatt illi, ghalkemm il-kotba tas-socjeta` kienu jindikaw certi debituri, gara illi meta s-socjeta` kienet tipprocedi legalment biex tigbor il-kreditu taghha diversi debituri kienu jwiegbu li kienu gia` hallsu u, effettivament, hafna minnhom kellhom sahansitra ricevuti validi mahruga mis-socjeta` stess;

5. Illi jigi rilevat illi fiz-zmien meta sar il-ftehim Dok. DS1, is-socjeta` esponenti Dereco Stores Limited kellha overdraft account mas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' mitejn u sittin elf Lira Maltin (Lm260,000), garantit permezz ta' garanziji personali taz-zewg kontendenti, fosthom ipoteki specjali fuq fondi immobbli di proprjeta` personali ta' l-istess kontendenti;

6. Illi l-Klawsoli 2 u 10 ta' l-iskrittura privata Dok. DS1, li ghalihom ir-rikorrenti ghamel referenza specifika fit-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo, jipprovdu testwalment illi:

(2) "Purchaser undertakes to procure the release of all gurantees and securities, whether personal or otherwise, made by Vendor in order to secure the Companies' debts, including those guarantees backed by bonds, promptly and as soon as the liability of the overdraft facility of approximately two hundred and sixty thousand Maltese Liri (Lm260,000) which Dereco Stores Ltd. has with HSBC Bank Malta plc (Marsa branch) (hereinafter referred to as 'THE BANK') is reduced to approximately one hundred and fifty thousand Malta Liri (Lm150,000), provided that the Parties agree that they shall use their best endeavours to ensure the reduction of the overdraft facility as provided above within a maximum of six (6) months from today. In order to guarantee such obligation, Purchaser is attaching hereto a copy of a sanction letter dated 17th September, 201, issued by the Bank confirming that it will automatically release Vendor

from all such gurantees and securities as provided above, hereto attached and marked as docoment ‘B’, forming an integral part hereof. Vendor and/or his duly authorised representative shall have the right to inspect at all times any and all bank statements relating to the amount of the said overdraft facility. Purchaser undertakes and agrees to respect and observe the ocnditions stipulated in said document ‘B’ and, if necessary, to renew said document on expiry of same”.

7. Illi ta’ min isemmi illi r-raison d’etre tal-Klawsola 2 fuq citata kienet specifikatament sabiex tassigura illi r-rikorrenti Victor Ross ikollu interess partikolari illi jigbor mill-aktar fis id-debiti konsiderevoli dovuti lis-socjeta` Dereco Stores Limited, kif fuq premess. Inoltre, skond il-Klawsola numru 10:

(10)(a) “Vendor undertakes and agrees to resign from the post of director of Dereco Stores Limited promptly and as soon as the conditions of clause 2 above are satisfied upon a simple verbal request by Purchaser to this effect and, if necessary, to promptly make all arrangements to terminate the post of any alternate director/s appointed by Vendor on the board of directors of the Companies.
(10)(b) Vendor, furthermore, undertakes and agrees, promptly and upon Purchaser’s simple verbal request, to carry out all the necessary procedures and all ancillary and incidental matters with the Companies’ bankers to be removed from signatory of the accounts of Dereco Stores Limited as soon as the conditions of clause 2 are satisfied”.

8. Illi, attwalment, ir-rikorrenti jokkupa l-kariga ta’ direttur tas-socjeta` Dereco stores Limited izda, permezz ta’ rizoluzzjoni straordinarja ta’ l-istess socjeta` datata 19 ta’ Novembru, 2001 (Dok. DS5), huwa tnehha minn firmatarju tas-socjeta`;

9. Illi attwalment, il-bilanc ta’ l-overdraft mas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. jinsab fis-somma ta’ cirka mija u disghin elf Lira Maltin (LM190,000), skond kif jirrizulta mill-istatement li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u

mmarkata bhala Dok. DS6, u ghalhekk, isegwi illi f'temp ta' sena u nofs, l-esponenti Emanuel Schembri hallas is-somma ta' cirka sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) lill-imsemmi Bank akkont ta' l-overdraft account in kwistjoni;

10. Illi, inoltre, jigi rilevat ukoll illi, fl-istess zmien, is-socjeta` Dereco Stores Limited hallset lura wkoll debitu fuq loan account mas-socjeta` Lombard Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' cirka sebgha u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm27,000), u fil-fatt, is-socjeta` esponenti Dereco Stores Limited illum ghandha kreditu favur taghha fis-somma ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00), skonf kif jirrizulta mill-istatement li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. DS7. Dan jirrizulta ampju ukoll minn ittra mahruga mill-Bank u mmarkata Dok. DS8 fejn il-Bank qed jitlob lill-epsonenti sabiex jaghmel l-arrangamenti necessarji sabiex jitnehhew il-garanziji ipotekarji;

11. Ili jigi rilevat ukoll illi, galadarba l-kundizzjoni sospensiva tal-Klawsola 2 ta' l-iskrittura privata Dok. DS1 ghadha ma sehhitx, isegwi illi l-istess rikorrenti ghadu ma giex rilaxxat mill-garanziji msemmijin fil-klawsola 2 ta' l-imsemmija skrittura privata;

12. Illi bhala konsegwenza diretta tal-Mandat ta' inibizzjoni de quo, is-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. diga` informat lill-esponenti, waqt serje ta' laqghat li saru recentement fuq talba ta' l-istess Bank, illi l-overdraft facility f'isem is-socjeta` esponenti Dereco sotres Limited kellha tigi revokata b'dan illi l-istess socjeta` tibda topera l-istess kont in credit, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern. Inoltre, l-esponenti gie infurmat minn rappresentanti tal-Bank (fergha tal-Marsa) li l-istess Bank ser jaghmel call in kif jirrizulta mid-Dok. DS9;

13. Illi, fid-dawl ta' dak kollu fuq premess, jigi sottomess bir-rispett illi d-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Gunju 2003, li permezz tieghu ntlaqghet it-talba tar-rikorrenti Victor Ross ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo, jirrizulta illi gie bbazat fuq apprezzament erronea ta' obbligi kuntrattwali tal-

kontendenti ai termini ta' l-iskrittura privata Dok. DS1 li, jigi sottomess umilment, huma cari u ma jhallu ebda lok ghal interpretazzjoni;

14. Illi, infatti, kuntrarjament ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti Victor Ross kontenuta fl-ewwel paragrafu tar-Rikors gahll-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo, mhux minnu illi permezz ta' l-iskrittura privata Dok. DS1 u, senjatament, il-Klawsoli 2 u 10 ta' l-istess skrittura, sar xi:

"qbil ….. illi r-rikorrenti ma jibqax direttur u ma jibqax firmatarju ta' Dereco Stores Limited biss wara li tigi sodisfatta l-Klawsola 2 ta' l-istess kif hawn fuq imsemmi".

15. Illi jinghad bir-rispett li l-Klawsola 10 ta' l-iskrittura privata Dok. DS1 ghandha tigi interpretata bhala obbligu kuntrattwali a karigu tar-rikorrenti Victor Ross (u certament mhux obbligu li b'xi mod jivvinkola lill-esponenti) li permezz tieghu l-istess rikorrenti obbliga ruhu jirrizenja mill-kariga tieghu ta' direttur tas-socjeta` in kwistjoni, kif ukoll illi jiehu l-proceduri kollha rikjesti mil-Ligi sabiex jitnehha minn firmatarju ta' l-istess socjeta` minghajr dewmien, hekk kif r-rekwiziti tal-Klawsola 2 jigu sodisfatti u, allura, ir-rikorrenti jigi rilaxxat mill-garanziji hemm imsemmija;

16. Illi l-Klawsola 10 ta' l-iskrittura privata de quo b'ebda mod ma torbot lill-esponenti sabiex ma jnehhix lir-rikorrenti Victor Ross mill-kariga tieghu ta' direttur u firmatarju tas-socjeta`. Dereco Stores Limited, stante illi huwa ovvju illi, fl-isfond tac-cirkostanzi odjerni, kif ukoll fl-ambitu tad-Dritt Socjetarju, dan ikun pienament gustifikabbli galabarda llum l-esponenti pro sar l-uniku azzjonista tas-socjeta` in kwistjoni. Illi konsegwentement, l-esponenti pro et noe ghandu dritt illi jaghmel kwalsiasi tibdil li jidhirlu xieraq fl-interess tas-socjeta` esponeneti Dereco Stores Limited, inkluz illi jnehhi lir-rikorrenti mill-kariga ta' firmatarju, kif effettivament, ghamel;

17. Jigi sottomess umilment illi din id-decizjoni, kjarament ta' natura de minimis u assolutament gustifikabbli fic-cirkostanzi, ittiehdet fl-ahjar interess tas-socjeta` u bl-aktar mod responsabbli sabiex jigu

salvagwardjati l-interessi ta’ l-azzjonisti ta’ l-istess socjeta`;

18. Inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi sottomess illi t-tieni allegazzjoni kontenuta fir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta’ inibizzjoni de quo, ukoll ghandha titqies bhala kompletament inattendibbli u dan stante illi jirrizulta illi anke din l-allegazzjoni giet ibbazata fuq interpretazzjoni erroneja ta’ l-iskrittura privata de quo (Dok. DS1);

19. Illi jinghad umilment li, permezz tal-Klawsola 2 ta’ l-imsemmija skrittura privata, il-kontendenti ftehmu illi l-esponenti jirrilaxxa lir-rikorrenti Victor Ross mill-garanziji mal-Bank una volta l-bilanc ta’ l-overdraft jigi ridott ghas-somma ta’ cirka mija u hamsin elf Lira Maltin (Lm150,000). Inoltre, jirrizulta illi l-kontendenti obbligaw ruhhom, sic et simpliciter illi jaghmlu l-almu taghhom sabiex jilhqu dan il-ghan fi zmien sitt (6) xhur izda, effettivament, ma kien hemm l-ebda ftehim illi r-rikorrenti jigi rilaxxat fi zmien massimu ta’ sitt (6) xhur kif qed jallega fit-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni de quo. Effettivament, sabiex tavvera ruhha l-kundizzjoni sospensiva kontenuta fl-imsemmija Klawsola 2 tirrikjedi illi l-bilanc ta’ l-overdraft account fuq imsemmi jigi ridott ghas-somma ta’ Lm150,000.00 u ghalhekk, in vista tal-fatt illi llum il-bilanc relattiv ghadu ta’ cirka Lm190,000 (kif jirrizulta minn Dok. DS6), l-imsemmija kundizzjoni ma avveratx ruhha bil-konsegwenza illi r-rikorrenti Victor Ross jibqa’ obbligat lejn il-Bank in kwistjoni;

20. Huwa assolutament mhux minnu illi l-esponenti qieghed jizbanka xi flejjes tas-socjeta` Dereco Stores Limited kif qed jigi allegat fil-hames (5) paragrafu tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta’ inibizzjoni de quo u, f’dan il-kuntest, issir referenza ghall-ittra mibghuta mid-ditta ta’ awdituri Ernest & Young, datata 17 ta’ Gunju, 2003 (Dok. DS10) minn fejn jirrizulta, inter alia, illi d-debituri tas-socjeta` in kwistjoni gew ridotti bis-somma ta’ cirka erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) mis-sena 2001, id-debiti bankarji gew ridotti bis-somma ta’ cirka sitta u sebghin elf Lira Maltin (Lm76,000), id-debiti generali

naqsu bis-somma ta' cirka hamest elef Lira Maltin (Lm5,000.00) u illi s-socjeta` dejjem onorat l-obbligi kuntrattwali mas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. Inoltre, jirrizulta illi l-esponenti ilu ma jithallas director's fees minn Dicembru 2001;

21. Illi jigi sottomess illi huwa ovvju illi kieku r-rikorrenti onora l-obbligi kuntrattwali tieghu naxxenti mill-iskrittura privata de quo, u hallas lura l-flejjes li rrikonoxxa u intrabat li jhallas lur ain forza tad-Dok. DS4 fit-terminu lilu moghti, illum skadut, l-overdraft ma' l-imsemmi Bank kien, certament, jonqos b'hafna aktar u, effettivament, kieku thallas ir-rikorrenti illum gie rilaxxjat mal-Bank;

22. Illi fid-dawl ta' dak kollu fuq espost, senjatament il-fatt illi s-self dovut lis-socjeta` Lombard Bank p.l.c. thallas fl-intier tieghu u oltre, certament, ghandu jirrizulta li l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo fil-konfront tal-Lombard Bank Malta p.l.c. huwa abbuziv u vessatorju u intiz biss sabiex ifixkel u jkisser lis-socjeta` Dereco Stores Limited;

23. Illi, inoltre, jigi sottomess bir-rispett illi t-talba tar-rikorrenti Victor Ross kontenuta fir-Rikors promotur, cioe` illi l-esponenti ma jaghmilx atti in rapprezentanza tas-socjeta` Dereco Stores Limited jekk mhux bl-approvazzjoni tieghu lanqas ma ghandha ebda bazi legali u, effettivament, jirrizulta illi l-imsemmija talba tmur kontra l-principji generali u assodati tad-Dritt Socjetarju u, tabilhaqq, kontra l-Istatut stess ta' l-imsemmija s-socjeta` (Dok. DS3) in materja ta' rappresentanza legali u guridika;

24. Illi inoltre, jigi sottomess umilment illi kieku l-Madat ta' Inibizzjoni de quo jibqa' in vigore fl-ipotezi illi r-rikorrenti Victor Ross jitnehha evetnwalment mill-kariga tieghu bhala direttur tas-socjeta` Dereco Stores Limited, ikun qed jinghata lok ghal stat ta' fatt anomalu ghall-ahhar fl-ambitu tad-Dritt Socjetarju konsistenti f'sitwazzjoni fejn terz estraneu, li ma jkollu ebda ness legali mas-socjeta` in kwistjoni, ikun f'posizzjoni illi jassumi kontroll effettiv tal-gestjoni ta' l-istess socjeta`;

25. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal dak fuq prmess, jigi sottomess illi bhala konsegwenza diretta ta' l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo, is-socjeta` Dereco Stores Limited illi fis-sena 2002 kellha turnover ta' oltre Lm66,000 u ghamlet qliegh ta' oltre Lm19,000, qieghda ssofri telf enormi stante illi, effettivament, il-hrug ta' l-imsemmi Mandat pogga lis-socjeta` fl-impossibilita` fizika u guridika illi tigi operata effettivament u, ghalhekk, tinsab f'perikolu ingenti illi tigi xjolta, skond kif iccertifikata l-awditur tal-kumpanija (Dok. DS10). Minghajr ebda dubbju ta' xejn, dan l-istat ta' fatt qed jirreka danni ingenti lis-socjeta` msemmija u, fid-dawl ta' dan, qieghda tintalab, in linea sussidjarja ghat-talba ghar-revoka tal;-Mandat de quo, il-garanzija ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. F'dan il-kuntest jigi rilevat is-segwenti:

- Illi, kif gia` inghad, l-effett dirett u ewlieni tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo kien illi s-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. iddecieda illi jwaqqaf l-overdraft account f'isem is-socjeta` Dereco Stores Limited u jirrikjedi illi l-istess kont jibda jigi operat in credit. Effettivament, dan ifisser li s-socjeta` ghandha thallas is-somma t'a mija u disghin elf Lira Maltin (Lm190,000) lill-imsemmi Bank sabiex tkun awtorizzata illi topera l-kont in kwistjoni;

- Illi l-imsemmi Bank, sahansitra, infurma lill-esponenti illi qieghed jigi kkunsidrat call-in tal-facilitajiet bankarji f'isem is-socjeta` esponenti jekk ma jintlahaqx arrangement ma' l-istess Bank minnufih;

- Illi s-socjeta` esponenti ma tistax topera minghajr overdraft u dan il-fatt stess qed jirreka pregudizzju ingenti u irrimedjabbli lill-operat kummercjali ta' l-istess kumpanija tant li, sahansitra, jekk is-sitwazzjoni ma tigix rimedjata mill-aktar fis is-socjeta` esponenti ser ikollha anke tikkunsidra x-xoljiment, kif iccertifika l-awditur tal-kumpanija (Dok. DS1);.

- Illi, permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo, is-socjeta` esponenti effettivament tpoggiet fil-qaghda

assurda u anomala ghall-ahhar fejn hija prekluza milli tpprocedi legalment fuq it-titolu ezekuttiva validu li ghandha fil-konfront tar-rikorrenti Victor Ross (Dok. DS4);

- Illi s-socjeta` esponenti ser issofri pregudizzju irrimedjabbli jekk il-Mandat ta' Inibizzjoni de quo jibqa' in vigore stante illi l-effett ewlieni ta' l-istess Mandat huwa illi jippreskludi lis-socjeta` milli tkompli topera jekk mhux bil-barka u bl-approvazzjoni tar-rikorrenti illi gia` indika illi bl-agir tieghu kif fuq dettaljat li ma ghandux necessarjament ghal qalbu l-interess tas-socjeta` esponenti;

- Dan apparti d-dannu ghall-immagini tas-socjeta` esponenti mal-banek, senjatament izda mhux limitatament fil-konfront tal-Lombard Bank Malta plc.;

26. Illi, in vista ta' dak kollu fuq premess, certament, ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kif kontenuti fit-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat ta' inibizzjoni de quo b'ebda mod gustifikati, imqar fuq bazi prima facie u, ghalhekk, lanqas ma huwa gustifikat illi l-istess Mandat jibqa' in vigore, specjalment tenut kont ta' l-effett ferm drastici li dan qed ikollu fuq il-vijabilita` u l-andament kummercjali tas-socjeta` esponenti;

27. Illi, assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi sottomess illi kieku ghall-grazzja ta' l-argument jirrizulta illi r-rikorrenti verament ghandu drittijiet x'jikkawtela kontra l-esponenti fl-ambitu tal-ftehim Dok. DS1, senjatament b'referenza ghar-rilaxx tar-rikorrenti mill-garanziji personali tieghu favur is-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c., isegwi illi t-talba tieghu illi jinibixxi lis-socjeta` esponenti milli topera jekk mhux bl-approvazzjoni tieghu, ser ikollha l-effett illi, minflok ma jikkawtela d-drittijiet tar-rikorrenti, iqieghed lis-socjeta` esponenti f'sitwazzjoni li tigi kostretta anke tikkunsidra x-xoljiment bil-konsegwenza illi l-imsemmi Bank jipprocedi kontra d-diretturi ta' l-istess socjeta` esponenti, fil-kapacita` personali taghhom;

28. Illi, inoltre, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi sottomess illi minflok ma jinkorri ghal

proceduri tant drastici bhal ma huma dawk odjerni li ghandhom l-effett necessarju illi jqieghdu liz-zewg partijiet fl-impossibilita` li jonoraw ir-rekwiziti tal-Klawsola 2 ta' l-iskrittura privata de quo, ir-rikorrenti, kieku verament ried jissalvagwardja l-interessi tas-socjeta` esponenti, seta' jintavola proceduri gudizzjarji ad hoc sabiex, abbazi ta' l-iskrittura privata Dok. DS1, jitlob illi jigi prefiss terminu perentorju ghas-sodisfazzjoni tar-rekwiziti tal-Klawsoli 2 ta' l-istess skrittura privata, jew anke jezercita d-drittijiet tieghu naxxenti mill-kariga tieghu ta' direttur tal-kumpanija u jitlob formalment l-informazzjoni kollha necessarja sabiex jassigura ruhu li l-posizzjoni tieghu fis-socjeta` esponenti mhix qed tigi ppregudikata;

29. Illi l-esponenti qieghed minn issa jzomm ferm id-dritt tieghu illi jipprocedi kontra r-rikorrenti Victor Ross ghad-danni kollha li qieghed isofri u li ghad jista' jsofri minhabba l-hrug tal-Mandat de quo;

Illi ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu fuq premess, l-esponenti jissottometti illi l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 737/03 ghandu jigi revokat ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 836 (1)(b) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu llum l-istess Mandat qieghed jirreka pregudizzju ingenti lill-esponenti u mhux ragonevoli u gustifikabbli li jibqa' fis-sehh, u inoltre, jirrizulta illi ma hemm l-ebda bazi legali ghall-hrug ta' l-istess;

Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt illi jaghmlu referenza ghall-Artikoli 836 u 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jitlob bir-rispett li jigu allegati l-atti tal-proceduri precedenti riferibbilment ghall-Mandat in kwistjoni, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(a) filwaqt illi titratta dan ir-rikors b'urgenza ai termini ta' l-Artikolu 836(2) ta' l-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) thassar u tirrevoka in toto l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 737/03 fl-ismijiet Victor Ross vs Emanuel Schembri f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in

rappresentanza ta' Dereco Stores Limited (C-15517); HSBC Bank Malta plc u Lombard Bank Malta plc u dan in kwantu mahrug illegalment u abbuzivament fil-konfront ta' l-esponenti;

(c) Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghat-talba hawn fuq indikata, tordna lir-rikorrenti sabiex fiz-zmien stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, jaghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta, flimkien mad-danni u imghaxijiet dovuti, ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u fin-nuqqas tordna r-revoka ta' l-istess Mandat;

(d) jew, fin-nuqqas, thassar u tirrevoka in parte l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 737/03 limitatament fil-konfront ta' l-intimat Lombard Bank Malta plc ghar-ragunijiet fuq premessi u fl-istess waqt tawtorizza lir-rikorrenti noe jiehu dawk il-passi legali kollha mehtiega sia kawtelatorji kif ukoll ezekuttivi kif ukoll dawk korollari u ancillari ghall-istess ghar-rigward u f'dak kollu li jikkoncerna t-titolu ezekuttiv (Dok. DS4) kontra l-intimat sabiex l-esponenti noe fl-ahjar interess tal-kumpanija jkun jista' jirkupra l-flejjes sostanzjali dovuti lill-kumpanija mill-intimat u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq timponi dina l-Onorabbli Qorti; u

(e) in vista tal-pregudizzju enormi li l-Mandat de quo qed jarreka lill-kumpanija u ai termini ta' l-artikolu 838A tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi dina l-Onorabbli Qorti, jaghti garanzija sufficjenti f'dak l-ammont u taht dawk il-provvediment li jidhrilha xieraq timponi dina l-Onorabbli Qorti lill-epsonenti pro et noe ghad-danni ingenti li qed issofri u li ghad tista' ssofri l-kumpanija kawza diretta tal-Mandat, de quo u, fin-nuqqas, tirrevoka minnufih il-Mandat de quo ai termini ta' l-istess artikolu 838A.

Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Rat ir-risposta tal-intimat Victor Ross fejn gie sottomess :-

Illi preliminarjament l-esponent jixtieq jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li huwa ghadu kif gie notifikat b'dan ir-rikors, meta l-konsulent legali assenjat lilu mis-sistema ta' l-Ghajnuna Legali kien ser isiefer; risposta konciza qed tidhol xorta, izda dakinhar tas-smiegh l-istess avukat, is-sosttoskritt, mhux ser ikun Malta u ghalhekk l-avukat tal-kontro-parti gie infurmat b'dan u qed jigi intavolat rikors relattiv;

1. Illi l-esponent hassu sorpriz b'dan ir-rikors stante li jidher car u ovvju lir-rikorrent xtaq jaghmel ezercizzju ta' forum shopping, u dak li cahhditu din l-istess qorti, kif diversament presjeduta, qed jitolbu mill-gdid illum biex forsi jiehu dak li jrid. Dak kollu sottomess mir-rikorrent fir-rikors odjern diga` ingab a konjizzjoni tal-Prim`Awla meta qabel laqghet it-talba ghall-hrug ta' dna il-mandat ta' inibizzjoni, rat ir-risposta dettaljata ta' l-istess Emanuel Schembri u anke zammet seduta fl-4 ta' Gunju 2003 proprju biex tara kienx gustifikat dan il-madnat kawtelatorju. Anzi, bazikament, bi ftit caqlieq ta' xi paragrafi, dak li qal Emanuel Schembri f'dik ir-risposta tieghu tat-12 ta' Mejju 2003 qed jerga' jghidu llum fir-Rikors odjern;

2. Illi biex l-esponent ikun leali mal-Qorti, jippreciza li r-rikorrent qal affarijiet godda fir-rikors tieghu, u l-esponent ser jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti fil-qasir hafna stante li ghandu jirrizulta li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma inveritieri u zgur li jizgwidaw lil din il-Qorti;

a. Ir-rikorrent jakkuza lill-intimat b'diversi atti li kieku kienu veri kienu jammontaw ghal azzjonijiet kriminali. Gialadarba hareg mill-provi li Emanuel Schembri kien regolarment isawwat lill-esponent Victor Ross, kieku dawk l-akkuzi kienu veritieri zgur li huwa ma kienet tigih ebda hniena mis-Sur Ross u kien jinizja proceduri kriminali kontrih: izda dan qatt ma sar. Huma dawn l-akkuzi foloz li jammontaw ghal reati kriminali, izda l-esponent qatt ma ried jiehu passi kriminali proprju ghax jibza' li jerga' jissawwat mill-istess Schembri;

b. Fir-raba’ pagna tar-rikors tieghu, ir-rikorrenti jipprova jiskredita lill-esponent billi jghid li l-esponent ma jistax jitwemmen meta jghid li meta ghadda s-shares tieghu lil Schembri huwa ntrabat li jhallas lill-istess Schembri somma ta’ flus biex jaghmel cash injection. Jghid “azzjonista jaghzel li jbiegh is-shares tieghu proprju biex jevita li jaghmel cash injection u mhux bil-kontra”. Jekk din hija n-normalita`, il-kaz odjern huwa eccezzjonali ghaliex l-azzjonista in kwistjoni, l-esponent, ghazel li jbiegh is-shares tieghu ghaliex ma riedx jibqa’ involut fil-kumpanija, u jigi aggredit mis-sur Schembri meta dan hekk jidhirlu. U kien l-istess Schembri li sforza lill-esponent jintrabat li jhallas dik is-somma ta’ flus biex fost affarijiet ohra, skond l-istess Schembri, taghmel tajjeb ghad-dejn li kien ser jithallas. L-esponent ried jaqta’ l-kuntatti kollha li kellu mar-rikorrent a kwalunkwe kost, u ghalhekk mhux biss ceda s-shares li kellu, izda intrabat li jhallas somma ta’ flus u anke li jbiegh daru biex jaghmel tajjeb ghal dan. Ir-rikorrent ghadu komdu jmexxi l-kumpanija in kwistjoni, filwaqt li l-esponent thalla bla sold u qed jistenna l-kunsens mill-partijiet kollha koncernati sabiex tinbieghlu daru biex jithallas d-djun pendenti;

c. Ir-rikorrent dejjem iqajjem il-punt li l-esponent ghadu direttur tal-kumpanija sal-lum (pargrafu 9 tar-rikors odjern), bhal li kieku ghad ghandu xi forma ta’ kontroll fuq il-kumpanija. Kif ammetta r-rikorrent stess waqt is-smiegh ta’ dan l-istess mandat, madwar sena u nofs ilu t-tmexxija tal-kumpanija waqghet kollha kemm hi f’idejn ir-rikorrent. L-esponent huwa direttur ghall-isem biss, ghaliex Schembri lanqas biss ihallih jersaq lejn l-ufficini tal-kumpanija. L-esponent m’ghandu ebda access ghall-kotba u dokument tal-kumpanija, ghax ir-rikorrent ma jridx itih tali access. Mela kif ir-rikorrent jippretendi li l-esponent jibqa’ jahdem ghall-kumpanija?

d. Ir-rikorrent jibbaza dan ir-rikors tieghu tal-lum fuq il-premessa li din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju fit-13 ta’ Gunju 2003 “fuq apprezzament erronea ta’ obbligi kuntrattwali tal-kontendenti”. Dan u inaccettabbli stante li huwa r-riorrent li qed jipprova jdawwar dak li hemm miktub fl-iskritturi. F’paragrafu 7 tar-rikors tieghu, ir-rikorrent jiccita Klawosla 10(b) ta’ kuntratt

bejn il-kontendenti, li tghid li s-sur Ross kellu jitnehha minn firmataju tal-kumpanija biss wara li tigi sodisfatta kalwsola 2 ta' l-istess kuntratt. Ir-rikorrent jiccita din il-klawsola 2 fis-6 paragrafu ta' l-istess rikors, u allura din il-Qorti facli tara li l-iktar rabta importanti ta' din il-klawsola hi li "Purchaser (igifieri ir-rikorrent) undertakes to procure the release of all gurantees and securities, whether personal or otherwise, made by Vendor (igifieri l-esponent) in order to secure the Companies' debts…" L-esponent ghadu marbut bl-ipoteki sal-lum u allura din klawsola 2 ghadha ma gietx sodisfatta. Multo magis allura klawsola 10 ma kellhiex tigi fis-sehh. Ghalhekk dak li jghid ir-rikorent f'paragrafu 8 tr-rikors li s-Sur Ross tnehha minn firmatarju b'rizoluzzjoni straordinarja hija proprju l-prova tal-ksur tal-ftehim citat mill-istess rikorrent;

e. Il-qerq tar-rikorrent jispikka f'paragrafi 15 u 16 tar-rikors tieghu. Filwaqt li jirreferi ghall-kuntratt li bih l-epsonent ghadda s-shares tieghu lir-rikorrent jargumenta li d-dicitura tal-kuntratt torbot biss lis-sur Ross u ma torbotx lis-sur Schembri. Huwa veru li d-dicitura tindika hekk, izda d-dicitura tindika wkoll li meta sar dak il-kuntratt il-partijiet kienu taht l-impressjoni li biex s-sur Ross ma jibqax direttur u firmatarju, kien necessarju sine qua non li huwa jiffirma ghal dan. L-ispirtu tal-ftehim kien li s-sur Ross ma jibqax direttur u ma jibqax firmatarju wara li tigi sodisfatta klawsola 2; peress li l-kontendenti kienu taht l-impressjoni li ghal dan kien mehtieg il-kunsens tas-sur Ross, klawsola 10 giet formulata bhala obbligu fuq is-sur Ross. Kieku dak iz-zmien il-partijiet kienu jafu li b'dak l-istess share-transfer is-Sur Schembri kien ser ikun f'posizzjoni li jnehhi lis-sur Ross meta jrid, kieku din klawsola 10 ma kenitx tkun mehtiega u kienet tkun bla sens. L-esponent jiddeplora l-mod qarrieqi li bih ir-rikorrent issa qed jipprova jbiddel l-ispirtu tal-ftehim, u jghid li din l-Onorabbli Qorti fehmet il-kuntratti hazing;

3. Illi fuq bazi legali, l-esponent ghandu s-segwenti x'jissottometti in rigward tat-talbiet tar-rikorrent:

a. L-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni li dan ir-rikors jinstema' b'urgenza, salv li l-avukat assenjat lilu mis-sistema ta' l-Ghajnuna Legali ser ikun imsiefer fil-jum

li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh, u ghalhekk possibilment jigi akkordat differiment;

b. Din it-talba hi bazata, skond l-istess rikorrent, fuq Artikolu 836 subincizi (1)(b) u (1)(f) u li huwa mahrug b'mod illegali u abbisv. F'dan l-istadju, a skans ta' repetizzjoni, l-esponent jaghmel referenza ghas-subinciz (1)(b) li jippermetti t-tnehhija ta' mandat meta wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-mandat ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti. B'referenza ghas-subinciz (1)(f) dan jikkontempla cirkostanza fejn tingieb prova li ma jkunx aktar ragonevoli li mandat, jew parti minnu, jibqa' jinzamm fis-sehh jew li ma jkunx baqa' mehtieg jew gustifikabbli. Bhal ma inghad qabel, il-ligi qeghda tkopri biss sitwazzjoni fejn mandat johrog regolarment u b'mod gustifikabbli, imma imbaghd isehhu cirkostanzi godda li minhabba fihom il-mandat ma jibqax hekk gustifikabbli, u allura ssir talba biex jitnehha. Igifieri r-rikorrenti irid jghid li mit-13 ta' Gunju 2003 (meta ntlaqa' l-mandat) sal-14 ta' Lulju 2003 (fi zmien xahar) sehhew cirkostanzi godda li jaghtu lok lil din l-Onorabbli Qorti tirrevedi l-posizzjoni taghha. Dan mhux il-kaz, ghax li jrid ir-rikorrent hu li "jappella" mid-decizjoni li hadet din il-Qorti fit-13 ta' Gunju 2003, izda peress li ma jezistix dan id-dritt t'appell, qed jinheba wara Artikolu 836 biex il-kaz jinstema' mill-gdid.
Li jinghad li dan il-manat inhareg b'mod illegali u abbuziv huwa insult ghall-esponent u anke ghal din l-istess Qorti stante il dan il-mandat ma nharigx b'mod awtomatiku, izda biss wara li gew skambjati skritturi u l-Qorti sahansitra semghet lill-partijiet f'udjenza;

c. Artikolu 838A jaghti l-fakolta` lill-Qorti, meta tintwera kawza gusta, li tordna lil min ikun hareg mandat kawtelatorju jaghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta flimkien mad-danni u imghax. Dawn il-penali u danni huma dawk kontemplati f'Artikolu 836 subincizi (1)(8) u (1)(9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Mela qabel jaghmel din it-talba ghal garanzija, ir-rikorrent kellu jintavola proceduri ai termini ta' dawn il-paragrafi (1)(8) u (1)(9) b'talba ghall-hlas ta' penali u danni, dejjem jekk skond hu tinkorri xi wahda mil-okkorrenzi kontemplati fl-istess Artikolu 836(1)(8) (a) sa (d). Dan m'ghamlux u ghalhekk din it-talba hija frivola u insostenibbli;

Fi kwalunkwe kaz jigi kjarament rilevat li l-esponent bl-ebda mod mhu jzomm lir-rikorrent jew lill-kumpanija koncernata milli topera, izda qed jinibiha mill taqbez lil-esponent fl-iffirmar tad-dokumenti. Mela jekk ir-rikorrent jitlob il-firma ta’ l-esponent kull meta necesarju, dan il-mandat ma jkollu ebda effett avvers fuq il-kumpanija. Huwa r-rikorrent li qed jippika u kapriccozament jirrifjuta li jitlob il-firma ta’ l-esponent. Ghalhekk jekk kellu jsir xi dannu, dan isir bi htija esklusiva tar-rikorrent stess;

Illi iktar minn hekk, l-esponent jirrileva li ilu xhur twal jipprova jasal ghal ftehim bonarju, izda r-rikorrent ikun irid kollox kif jghid hu. L-ahhar laqgha saret nhar l-Erbgha 24 ta’ Lulju 2003 go l-edificcju tal-Qorti liema laqgha kellha tintemm hesrem wara fuq nuqqas ta’ qbil is-Sur Schembri qabbad jghajjar personalment lill-avukat sottoskritt ta’ l-esponent;

d. Din it-talba hi insostenibbli stante li jekk dan il-mandat inhareg biex fost affarijiet ohra dokument tal-Bank jigu ffirmati miz-zewg partijiet, li l-Lombard Bank jigi estromess minn din il-procedura jkun ifisser li qed jinqatel parti mill-iskop li ghalih inhareg dan il-mandat, u cioe` li tingieb il-firma ta’ l-esponent;

e. Din l-ahhar talba, li bi zvista giet enumerata bhat-talba ta’ qabilha, hija repetezzjoni tat-tielet talba enumerata (c) u ghalhekk issir referenza ghar-risposta ta’ l-esponent f’dak ir-rigward. Huwa ovvju li r-rikorrent qieghed metaforikament iross lill-esponent, li kif inghad spicca bla sold, ma hajt billi jgieghlu jhallas garanzija li wara kollox hija insostenibbli fic-cirkostanzi kif gia spjegati;

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bi spejjez tar-rikorrent;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 737/03 li gew annessi bl-ordni taghha;

Semghet ix-xhud prodott mir-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Awissu 2003;

Ikkonsidrat :

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti Emanuel Schembri, f'ismu propju u ghan-nom tas-socjeta Dareco Stores Limited, (minn issa l-quddiem imsejjah 'ir-rikorrenti odjern'), ghamel referenza ghal mandat ta' inibizzjoni ottjenut kontra tieghu, propio u nomine, mill-intimat Victor Ross (minn issa l-quddiem imsejjah 'l-intimat odjern'). Dan l-att kawtelatorju nhareg ukoll kontra zewg banek u cioe' HSBC Bank Malta p.l.c. u Lombard Bank Malta p.l.c. L-imsemmi rikorrenti odjern qed jghamel diversi talbiet fosthom li dan il-mandat ghandu jigi revokat ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u peress li b'dan il-mandat qed isirlu pregudizzju kbir u inoltre mhux ragonevoli u gustifikabbli li l-istess att kawtelatorju jibqa' fis-sehh, barra li ma hemm l-ebda bazi legali ghall-hrug ta' l-istess mandat. Inoltre r-rikorrenti odjern jippretendi li l-imsemmi mandat inhareg illegalment u abuzivament fil-konfront tieghu. Alternattivament ir-rikorenti odjern talab li l-mandat in kwestjoni jigi revokat in parte u cioe fil-konfront ta' wiehed mill-imsemmija banek u cioe' Lombard Bank Malta plc;

L-istess rikorrenti odjern ukoll ghamel referenza ghall-provedimenti tal-artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u talab li jigi ordnat lill-intimat odjern sabiex jaghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li eventwalment tista tigi imposta, flimkien mad-danni u imghaxijiet;

Ir-rikorrenti odjern ghamel ukoll talba ohra u cioe' talab sabiex jigi awtorizzat jiehu dawk il-passi legali kollha mehtiega ghar-rigward ta' titolu ezekuttiv li hu jippretendi li ghandu. Din hi talba stramba u zgur li ma tistax tigi akkolta stante li ma hemmx ghalfejn li r-rikorrenti odjern jigi awtorizzat jipprocedi minn ebda Qorti. Jekk huwa jippretendi li ghandu titolu esekuttiv fil-konfront tal-intimat odjern huwa ghandu jipprocedi skond il-ligi ghas-salvagwardja tad-drittijiet li huwa jippretendi li ghandu.

Huwa ghandu d-dritt li jagixxi, jekk hekk jidhirlu, u ma hemmx ghalfejn ta’ l-ebda awtorizzazzjoni;

Jirrizulta li t-talba ghall-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni giet akkolta minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta’ Gunju 2003. Dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-intimat odjern ghandu prima facie dritt x’jikkawtela bil-hrug tal-imsemmi att. Dan kollu wara li l-Qorti qiset it-talbiet u r-risposta, u wara li semghet lill-partijiet u t-trattazzjoni tad-difensuri taghhom. Fl-atti tal-imsemmi mandat gew prodotti prattikament l-istess dokumenti li gew prodotti fil-presenti proceduri. Is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti odjern huma prattikament l-istess bhal dawk li saru minnu fir-risposta tieghu fl-atti tal-mandat. Ghalhekk hafna minn dawn is-sottomissjonijiet gew konsidrati qabel ma gie deciz il-hrug tal-mandat;

Hu zgur li din il-Qorti m’ghandiex funzjoni ta’ revizjoni ghar-rigward ta’ dak li sar mill-Qorti li akkoljiet it-talba ghal hrug tal-att kawtelatroju in kwestjoni. Fi kliem iehor din il-Qorti mhux Qorti tal-Appell. Ghalhekk hafna mis-sottomissjonijiet li saru mir-rikrrenti odjern fir-rikors promotur huma ghal kollox irrilevanti u zgur li m’ghandhomx jigu trattati fil-presenti proceduri. Hafna mill-kwestjonijiet sollevati mir-rikorrenti jappertjenu ghall-mertu tal-kwestjoni li hemm bejn il-partijiet u dawn ghandhom jigu decizi fis-sede taghhom cioe fi proceduri ohra u mhux f’dawn presenti. Uhud minn dawn huma l-interpretazzjoni tal-ftehim iffirmat mill-partijiet, l-agir tal-partijiet fiz-zmien li kienu shab b’mod partikolari ghall-allegazzjonijiet ta’ agir mhux xieraq u ta’ misappropriazzjoni, n-natura tas-somma li jidher li l-intimat odjern accetta li jhallas u t-tmexxija tal-partijiet tas-socjeta in kwestjoni;

In effett jirrizulta li l-mandat inhareg b’mod regolari wara li l-Qorti qieset dak kollu li deherilha li kien relevanti u waslet ghall konkluzjoni li l-hrug tal-mandat kien gustifikat. Ghalhekk zgur li ma jistax jirrizulta li ma hemm l-ebda bazi legali ghall-hrug ta’ l-istess mandat. Lanqas ma jista jinghad li l-imsemmi mandat inhareg illegalment jew abuzivament fil-konfront tar-rikorrenti odjern;

Il-funzjoni ta’ din il-Qorti f’dawn il-proceduri hi li tistabilixxi jekk jesistux l-estremi, li trid il-ligi, sabiex l-att kawtelatorju in kwestjoni jigi revokat in toto jew in parte.  Barra minn hekk hawnhekk qghedin fil-kamp tal-prima facie. In effett sabiex jinhareg att kawtelatorju, skond il-ligi, jista jkun bizzejjed li minn qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma il-kontenut tar-rikors tieghu bil-gurament;

Ghandu jigi rilevat li l-effetti li qed isofri r-rikorrenti odjern bhala konseguenza tal-effetti tal-mandat mhux ghal kollox rilevanti ghal finijiet ta’ dawn il-proceduri. Skond il-ligi l-intimat odjern kellu il-jedd li jottjeni l-hrug tal-mandat u la darba l-mandat hareg l-istess intimat odjern ghandu jassumi r-responsabilitajiet kollha skond il-ligi;

Ir-rikorrenti odjern qed jitlob ir-revoka tal-att kawtelatorju in kwestjoni a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.  Dawn jiddisponu li l-persuna li tkun issubiet il-hrug ta’ att kawtelatorju tista titlob ir-revoka tal-istess att kawtelatorju, jew in toto jew in parte, jekk xi wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-istess att kawtelatorju ma tkunx ghada tesisti. Jista jottjieni l-istess revoka jekk jipprova li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li l-att kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew dan l-att mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli;

Dawn l-estremi zgur li ma jirrizultawx f’dan il-kaz. Dawn il-provedimenti jippresupponu li jkun sehh xi avveniment gdid wara l-hrug tal-att kawtelatorju. Bl-ebda mod ma jirrizulta li xi wahda mill-htigijiet ghal hrug tal-mandat issa ma ghadiex tesisti. Ma ngiebet l-ebda prova li turi li mhux aktar ragjonevoli li att kawtelatorju jibqa fis-sehh. Zgur li ma jirrizultax li l-istess att mhux mehtieg jew mhux gustifikabbli. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti odjern ibbazati fuq l-imsemmija provedimenti tal-Kapitolu 12 ma

jistghux jigu akkolti. Lanqas ma ghandha tigi akkolta t-talba alternattiva;

Ir-rikorrenti odjern qed jitlob ukoll li l-intimat odjern jigi ordnat jghati garanzija sabiex jghamel tajjeb ghal penali, danni u imghaxxijiet li eventwalment jista jigi kkundannat li jhallas in vista tal-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jghamel referenza referenza ghall-provedimenti tal-artikolu 838A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kaptilu 12. Dawn il-prvedimenti jiddisponu li, jekk tirrizulta kawza gusta, din il-Qorti tista tordna lill-persuna li tkun ottjenit il-hrug ta’ att kawtelatroju li tghati garanzija xierqa ghar-rigwar tal-eventwali kundanna ta’ hlas ta’ penali u ta’ danni u imghaxxijiet;

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi l-opinjoni ta’ din il-Qorti, li tirrizulta kawza gusta u jesistu l-estremi sabiex jigi ordnat lill-intimat odjern jghati tali garanzija. Ma jistax jigi eskluz li bil-hrug tal-mandat it-tmexxija tas-socjeta saret aktar difficli. Barra minn hekk ir-relazzjoni kummercjali li hemm bejn il-partijiet zgur li mhux mill-ahjar u jidher li hemm hafna kwestjonijiet li ghad ghandhom jigu definiti. Ghalhekk l-intimat odjern ghandu jghamel garanzija xierqa biex tghamel tajjeb ghall-eventwali kundanna ta’ hlas ta’ penali u danni. In vista tal-istess cirkkostanzi partikolari pero’ l-ammont tal-garanzija ghandu jigi moderat u ghalhekk il-garanzija qed tigi ffissata fis-somma ta’ hamest elef liri maltin (Lm5000). F’dan ir-rigward ghandu jinghad li zgur li mhux il-kaz li qabel ma jigi ordnat l-ghoti ta’ din il-garanzija ghandhom isiru xi proceduri ohra b’mod partikolari ghab-bazi tal-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet tar-rikorrenti ibbazati fuq il-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u billi fit-tieni lok tilqa t-talba tar-rikorrenti kif ibbazata fuq il-provedimenti tal-artikolu 838A tal-istess Kapitolu u b'hekk tornda lill-intimat Victor Ross sabiex jghati, fi zmien sittin (60) gurnata millum, garanzija fis-somma ta' hamest elef liri maltin (Lm5000) ghall-hlas tal-penali li tista tigi imposta u ta' danni u imghax. Fin-nuqqas tordna li jitnehha l-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni;

Spejjez ghandhom jithallsu kwantu ghall tlkett kwarti (3/4) mir-rikorrenti odjern u kwantu ghar-rimanenti kwart (1/4) mill-intimat odjern.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------